# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sebgħa (7) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 9 ta' Mejju 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

3. **Punti mill-Minuti**

3.1 Il-Kunsill iddeċieda li se jixtri tmien tabelli tan-Neighbourhood Watch. Is-Sindku qal li għandna nagħmlu tabella fuq il-Bring in Site ta' Ta T'Amparell bħal m'hemm fil- BIS oħrajn. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna bżonn nirranġaw it-tabella tal-BIS fit-triq Ta' Ġawhar.

3.2 Is-Sindku qal li sar jaf min hu l-persuna li kien qed iwaddab urina fil-BIS. Is-Sindku avża l-persuna li jekk jerġa jagħmel hekk jittieħdu passi kontra l-persuna.

3.3 Is-Sindku qal illi qegħdin nistennew stimi għall-kameras. Is-Segretarju Eżekuttiv talab għal kwotazzjonijiet ta' photovoltaic kamera bid-decoder minn FireTech u Alberta sal-ġurnata tal-laqgħa.

3.4 Ix-xogħol sar fuq il-ħajt ta' triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat [ref: punt 3.3]

3.5 Is-Sindku qal li kellem mas-Sindku tal-Qrendi dwar il-ħlas tax-xuffier li jwassal l-anżjani sad-Day Centre ta' Żurrieq. Qal li se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tagħhom u talab jekk il-Kunsill tagħna jaċċetta ħlas ta €12. Il-Kunsill aċċetta u se jistenna fuq id-deċiżjoni tal-Kunsil tal-Qrendi.

3.6 Il-Viċi Sindku qal li l-kap tal-iskola għanda ssib fondi mill-FTS biex jintużaw l-iskola. Il-kunsilliera kollha qablu li l-Kunsill ma jistax joħroġ ammonti sostanzjali fuq il-manutenzjoni tal-iskola. Il-Viċi Sindku qal li l-iskola ta Ħal Kirkop ġabu ħafna fondi mill-FTS u l-Kunsill tagħhom xtralhom iż-żebgħa biss. Dwar it-tinda li se ssir fl-iskola [ref: punt 3.8] is-Sindku qal illi nagħmlu l-pjanti għalihom iżda se jkollhom isibu fondi huma. Kulħadd qabel illi għandna ngħinu, iżda biss bil-limiti tagħna.

3.7 Il-Kunsill jemmen li l-membri tal-Kumitat tal-football [ref: punt nos. 4.3] jistgħu jużaw indirizz ta' xi ħadd minnhom wara li l-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-President tal-Kumitat qal li ma jistgħux isibu post. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istess persuna kien qalu qabel illi kienu se jikru garaxx biex jużaw bħala ndirizz uffiċjali. Il-kunsillier Carlo Stivala qal ukoll illi membri tal-Kumitat marru jaraw il-grawnd tal-football fejn l-ETC iżda m'aċċettawx illi jagħmlu użu ta' dak il-grawnd. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellem mal-Brigadier dwar il-possibilitajiet li jużaw grawnd fejn il-Karwija u avża l-President tal-Kumitat biex jibgħat ittra lil Brigadier biex ikunu jistgħu jagħmlu użu tal-grawnd. Il-Viċi Sindku qal illi forsi l-aħjar għażla tkun illi jidħlu fil-YASK għal sena, biex ikollhom iżjed ħin biex jakkwistaw li hemm bżonn biex jidħlu fl-MFA sen'oħra.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellem man-nutara u aċċettat ir-responsabbilta tal-post meta jintuża l-basketball ring fl-iskola wara l-ħin tal-iskola.

3.9 Is-sur Oliver Farrugia qal li r-ritratti li bagħat fil-laqgħa preċedenti [ref: punt nos 6.6] huma ta' 'demarcation sign'. Il-Kunsill reġa qal illi dak mhux demarcation sign.

3.10 Il-Viċi Sindku staqsa jekk se nagħmlu xi kampanja tat-tagħlim dwar is-servizzi tal-GreenPak illi se jibdew fit-3 ta' Lulju 2012 [ref: punt nos. 9.3]. Is-Sindku qal illi huma se jieħdu ħsieb kollox. Il-Viċi Sindku qal illi xorta jemmen għandna nagħmlu xi ħaġa fejn nfakkru n-nies fuq l-importanza li jibdew iżommu mar-regolamenti tal-GreenPak sabiex ngħinu nilħqu l-istimi nazzjonali fir-rigward ta Recycable Waste.

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-MTA mhux se joħorġu l-flus biex isir ix-xogħol fuq it-triq [ref: punt nos 9.4] li jmiss mal-proġett illi se jagħmlu fl-area tal-Ħlantun. Huma qalu li x-xogħol jiswa €72,000. Il-Kunsill qabel illi aħna ma nistgħux noħorġu dan l-ammont ta' flus. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-Kunsill applika għall-fondi f'dan it-triq, u ta' madwar, mal-GAL XLOKK. L-MTA qalu wkoll illi jekk il-Kunsill jaċċetta jista jżomm iċ-ċwievet għax-shelters li hemm fejn se jsir il-proġett, iżda avżaw illi mhux se joħorġu l-flus għar-restawrazzjoni ta' dawn ix-shelters. Il-Kunsill qabel illi jekk il-Kunsill ta' Żurrieq se jżommu ċ-ċwievet, aħna għandna nagħmlu hekk ukoll.

3.12 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jħoss illi m'għandniex għalfejn imissu l-ġnien ta' Dun Karm Lia [ref: punt nos. 10.2]. Is-Sindku qal illi bil-pjan tiegħu mmissu biss il-ħamrija. Hu jixtieq illi nagħmlu embellishment tal-ġnien u nagħmlu postijiet fejn ikunu jistgħu jipparkjaw il-karrozzi mal-ġnub. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal li se tiġi spiża kbira biex inżidu 20 post tal-parkeġġ. Is-Sindku qal li l-'floor room' se tibqa l-istess u l-ġnien tibqa xorta, u nitilfu l-ħamrija biss. Il-kunsillier Publius Abdilla qal li postijiet oħrajn, fosthom il-Belt, qegħdin jagħmlu minn kollox biex jiżdiedu żoni ta' rekreazzjoni fl-irħula tagħhom, u ma jarax għalfejn aħna għandna nagħmlu l-oppost. Il-kunsilliera reġgħu qablu li hemm problema tal-parking fir-raħal iżda xorta ma kienx hemm qbil fuq il-proġett. Il-Viċi Sindku qal illi jaqbel li jsir embellishment totali, anka jekk mingħajr il-proposta tal-parking. Qal ukoll illi ħafna nies f'dawk in-naħat kienu lmentaw fuq is-sitwazzjoni rigward il-parking waqt il-'house visits' tiegħu. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nsibu post ieħor fejn isiru dawn il-postijiet tal-parking u li ma nistgħux naħsbu fejn se nsibu post għal kull persuna li jdaħħal karozza ġor-raħal.

3.13 Il-Viċi Sindku saqsa jekk il-Kunsill sema minn dak il-persuna li rċieva notice mill-Kunsill biex inaddaf il-ħmieġ illi ħalla fil-Misraħ San Mattew [ref: punt nos 10.16]. Is-Sindku qal li l-persuna mhux qed jagħti kaz u għalhekk se noħorġu t-tieni notice, din id-darba rreġistrata u se nibagħtu l-istess ittra lil Għassa tal-Pulizija. Reġa qal illi, f'każ ta' dewmien għal risposta tan-notice, ngħidu lill-kuntrattur tal-Bulky Refuse biex jieħu l-affarijiet sal-garaxx tal-Kunsill u l-persuna jkollu jħallas għax-xogħol.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-DLG għarfu li Kunsilli mhux suppost ikollhom paġna fuq facebook. Qal ukoll illi bagħat email lil Monitoring Dep. tad-DLG, u d-Direttur, biex jispjega għala l-Kunsill jixtieq ikollu dan il-mezz biex jikkomunika man-nies. Is-S.E talab ukoll għal permess biex ikun hemm email separat minn dak tal-Gvern [li fih ftit spażju] fejn il-Kunsill ikollu database tan-nies tar-raħal u jista jibgħat emails dwar offerti/korsijiet/fondi, lin-nies tar-raħal. Din it-talba wkoll ma ġietx milqugħa mid-DLG.

3.15 Is-S.E talab biex ikun hemm iżjed storage fl-emails tal-Kunsill. Il-Kunsill aċċetta t-talba biex nakkwistaw 300MB iżjed għall-ħlas ta' €23.01 fis-sena.

3.16 Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona li jekk kella ssir il-kors tal-Customer Care, għandna ssir wara s-sajf u għalhekk il-Kunsill qabel li noħorġu applikazzjonijiet minn Settembru. Il-Kunsill se jipprova jorganizza korsijiet ukoll għal First Aid u Health and Safety.

**Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fis-6.30pm mal-wasla tal-ispettur Kevin Pulis.**

**4. Laqgħa mal-ispettur, Kevin Pulis**

4.1 Is-Sindku rringrazzja lill-ispettur għal ħin li sab biex jiġi jiltaqa mal-Kunsill il-ġdid. Qal ukoll illi l-problemi l-kbar illi kien hawn fir-raħal issa naqsu sew, iżda qal illi jixtieq jara l-pulizija jduru mar-raħal u mhux joqogħdu biss ġol-Għassa. Żied il-pjan tiegħu biex ikun hemm iżjed sorveljenża bil-kameras madwar ir-raħal, speċjalment mad-daħliet tar-raħal.

4.2 L-ispettur staqsa jekk hemm problemi fejn il-bandli wara li l-Kunsill kien ilmenta fuq il-vandaliżmu/vjolenza li kien isir hemm. Il-Kunsill qal illi avolja hemm problemi, dawn naqsu minn meta tkellimna mal-ispettur is-sena l-oħra.

4.3 Il-kunsilliera lmentaw fuq il-parties tal-Friendly bar għax qiegħed jagħmel ħafna storbju u jħalli ħafna ħmieġ wara. Nies qegħdin igorru li anka tfal taħt l-eta jkunu hemm fit-tard. Fuq dan, l-ispettur qal illi se jżomm iżjed sorveljenza, waqt illi jippretendi li s-sid javza li se jkun hemm dawn il-parties u għandhom jitolbu lill-pulizija x'jista u x'ma jistax isir biex iżommu mal-liġijiet.

4.4 Is-Sindku qal illi hemm garaxx f'triq San Tumas li qed jintuża bħala store għal affarijiet tan-nar u b'hekk hemm periklu għan-nies ta' madwar. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi n-nies tat-triq kollha qegħdin jilmentaw għax dan il-persuna qed jieħu l-postijiet kollha tal-parkeġġ bit-trucks tiegħu. L-ispettur qal illi se jieħu ħsieb il-problema.

4.5 Is-Sindku qal ukoll illa fi triq Salvu Cauchi hemm minn qed iħalli pitbull marbut mal-arblu u bih in-nies ma jistgħux jgħaddu minn hemm. L-ispettur qal illi diġa jaf fuq dan il-każ u se jieħu ħsieb hu.

4.6 Is-Sindku qal ukoll dwar l-abbuzi li qegħdin isiru bil-Bring In Sites. L-ispettur aċċetta li meta jkun hemm il-kameras, aħna nkunu nistgħu nibagħtu l-filmati lill-pulizija biex jieħdu azzjoni. L-ispettur qal illi hemm bżonn ta' tabelli li juru li hemm kameras fuq il-post.

4.7 Is-Sindku kellem ukoll dwar il-problema f'Misraħ San Mattew [ref: punt 3.13 ta' dawn il-minuti]. L-ispettur qal illi jipprovdi n-nies hu biex isir ix-xogħol iżda qabel għandna nagħtu t-tieni notice u nibagħtu kopja lil Għassa.

4.8 Fis- 7pm, ma tmiem dawn il-punti kollha, l-ispettur qal illi l-kunsilliera jistgħu jċemplulu meta jkun hemm bżonn u qal li nerġgħu niltaqgħu qrib il-festa. Hu rringrazzja l-Kunsill, waqt illi l-kunsilliera rringrazzjaw lilu għall-ħin tiegħu. Ma dan, l-ispettur ħareġ mill-kamra tal-Kunsill u tkompliet il-laqgħa.

**5. Korrespondenza.**

5.1 Il-Kunsill approva li nipparteċipaw fl-iskema ta' Malta with Kids fejn l-iskop hu biex intejbu t-turismu fir-raħal.

5.2 Id-Dipartiment ikonferma illi l-Kunsill ħa lura dawk il-flus li ġejna penalizzati għalihom meta l-Kumitat tar-Reġjun, u mhux il-Kunsill, ma kienx bagħat risposta ta' PQ fil-ħin.

5.3 Il-Kunsill irċieva ittra anonima fejn persuna lmenta li saru kaxxi sofor barra djar ta' ċertu nies. Il-Kunsill qabel illi dan ma kellux isir u li se nirranġaw dan l-iżball. Il-kunsilliera qablu li la jafu b'xi każijiet fejn nies għandhom kaxxi sofor [mhux 'reserved'] barra djar tagħhom, għandna nneħuhom malajr.

5.4 G4S se jibdew jitolbu għal €15 għal kull vjaġġ illi jagħmlu sal-Bank. Il-Kunsill qabel illi xorta għandna nużaw is-servizzi tagħhom meta hu neċessarju.

5.4 Transport Malta qalu li l-Kunsill ikollu jagħmel tabelli ta' No Parking mad-dawra li hemm fit-triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat. Peress illi l-parti tat-triq ma tidħolx fil-konfini tagħna, il-Kunsill mhux lest iħallas għal dan ix-xogħol. Ma dan il-punt il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta wkoll illi jgħaddu ż-żwiemel minn hemm u dawn qegħdin jagħmlu l-ħsara.

5.5 Ir-Reġjun Nofsinhar bagħtu biex jinfurmaw illi se jkun hemm laqgħa għall-kunsilliera kollha tar-Reġjun nhar is-Sibt 19 ta' Mejju. Is-Sindku biss ikkonferma li se jmur.

5.6 GAL Xlokk talbu li jiktbu artiklu għal fuljett tagħna. Il-Kunsill qabel illi qabel ma ntuhom dan il-permess huma għandhom jagħtuna aħbar fuq il-fondi għal Misura li konna applikajna għalih fil-passat.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm żball fil-kont ta' WasteServ u għalhekk dak mhux se jkun approvat f'din il-laqgħa.

6.2 Il-Kunsill approva l-iskema tal-pagamenti.

## 7. Updates fuq il-korsijiet tad-Drama/ Customer Care/ Skola Sajf

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ċempel lil kuntatt tad-Drama Unit u avża li hemm sebgħa u tletin student illi huma interessati fil-kors. Minħabba hekk se jkun hemm bżonn tlett klassijiet. Peress illi hemm ammont kbir, u ammont kbir ta' lezzjonijiet ukoll, il-Kunsill se javża lil dawk illi applikaw illi se jkun hemm xi ħlas involut biex il-Kunsill ikun jista jkopri ftit mill-ħlas extra li se jonfoq. Fl-aħħar tal-kors it-tfal se jieħdu ċertifikat u se jkun hemm parti żgħir għalihom.

7.2 Rigward il-kors tal-Customer Care il-Kunsill qabel li dan isir wara s-sajf [ref: punt nos. 3.16]

7.3 Wara li ġie diskuss il-possibilita li Skola Sajf 2012 timxi fuq 5 ijiem, il-Kunsill iddeċieda li nżommu ma' tlett ijiem fil-ġimgħa għaliex kien hemm ġenituri li qalu li 5 ijiem huma wisq.

## 8. Ħwejjeġ oħra

8.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil irċieva talba biex nagħmlu mera barra garaxx [triq Irqajja] ta' individwu li ma jkunx jista jara minn ġej minħabba blind corner. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

8.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal li wieħed mill-persuni li kien jokkupa l-art fl-area ta' T'Amparell telaq. Dan kien xtara mutur tal-ilma li kien juża biex isaqqi l-post u issa jixtieq ibiegħ il-mutur lil Kunsill. Is-Sindku qabel li għandna bżonn dan il-mutur. Is-Segretarju Eżekuttiv avża li se jkollna bżonn l-irċevuta. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dan se jkun provdut.

8.3 Il-Kunsill iddiskutew il-kwotazzjonijiet illi rċevew għal kompjuter tas-Sindku. Il-Kunsill għażel l-offerta ta' CTronics għax dejjem sabu servizz tajjeb mill-kumpanija waqt illi kellu l-iżjed kompjuter adekwat għall-użu tal-Kunsill.

8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bagħat għal kwotazzjonijiet lil FireTech u Alberta għal kameras photovoltaic għas-sigurta tar-raħal. Is-Sindku talab lil kunsilliera biex jiprovdu l-ismijiet t'iżjed kumpaniji li jafu bihom huma.

8.5 Il-Kunsill qabel unaniment illi s-sinjura Doris Baldacchino titla sa Skala 11 wara suġġeriment mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv se jara mad-DLG jekk dan jista jsir.

8.6 Is-Sindku qal li hemm bżonn ta' kuntratt għal handyman/ġardinar. Il-Kunsill qabel unaniment.

8.7 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi f'triq l-Ibraġġ [int u sejjer lejn triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat] hemm blind spot minħabba siġra, u ma tarax karrozzi ġejjin. Fl-istess ħin qal illi hemm xitla f'triq ta' Rqajja li hemm bżonn tinqala. Is-Sindku qal illi għal dan ix-xogħol hemm bżonn ta' JCB iżda jaqblilna nistennew nikru l-magna sakemm ikun bżonnjuz għal xi xogħol ieħor ukoll.

8.8 Il-kunsillier Carlo Stivala ssuġġerixxa li nagħmlu projector barra l-bini tal-Kunsill waqt il-Euro2012. Qal ukoll illi jkun hemm stands għall-ikel u għax-xorb fejn dawn ikollhom iħalsu għal 'ground rent'. Diġa ntalbu kwotazzjonijiet għas-servizz tal-projector/imwejjed/drinks. Is-Segretarju Eżekuttiv se jara mal-awdituri jekk l-art ta' barra l-Kunsill jista jintuża għal dan. Is-Sindku ssuġġerixxa ftit nies illi jistgħu jiġu jaħdmu mal-'bar' jekk dan ikun approvat mill-awdituri.

8.9 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi tal-Water Service Corporation qegħdin jużaw qatran ħazin li mhux qed jinxef. Is-Sindku qal illi użaw dan l-qatran fir-raħal tagħna.

8.10 Il-kunsillier Publius Abdilla lmenta li meta jsir xogħol f'triq San Pawl u tal-linja ma jistgħux jgħaddu, in-nies fil-bus stops sal-LIDL ma jkunux jafu u jibqgħu jistennew. Qal illi jaf min kien tard

għax-xogħol minħabba f'hekk. Il-Kunsill se jibda joħroġ karta biex javża li l-buses mhux se jagħdu minn dawk l-istages meta t-triq tingħalaq.

8.11 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm tabella f'triq San Ġwann li qegħda baxxa.

8.12 Il-Kunsill qabel unaniment illi l-ħlas dovut lejn is-sinjura li ġiet tgħin waqt Jum Ħal Safi fil-kompetizzjoni tal-inbid, kif ukoll ġiet biex tippreżenta s-Serata tal-Premju Onorefiċenża, għandha tieħu l-istess ammont li ħadet fis-sena ta' qabel [€100].

8.13 Il-Kunsill għażel lil Union Print biex jieħdu ħsieb ix-xogħol fuq il-fuljett fis-sajf u lil BestPrint għal dak ta' Diċembru. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nibagħtu l-kopju antiki lid-Dipartiment u lil Melitensia. Issuġġerrixxa wkoll il-kumpanija Veritas Press għal kwotazzjonijiet minn issa 'l quddiem.

8.14 Il-Kunsill għażel lil CTronics biex jiprovdi l-kompjuter għas-Sindku wara li l-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għażel dan il-kumpanija minħabba s-serviżż tajjeb li ta fil-passat, u minħabba prezz vantaġjuz.

**9. Laqgħa mas-sinjorina Wendy Attard rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill għax-xogħol fuq ix-shelters.**

Is-sinjorina Attard spjegat illi MEPA għandhom bżonn "Conservation Statement" meta jsir proġett bħal dak fix-shelters fejn ikun hemm spjegazzjoni fuq l-istat tal-post fil-preżent. Qalet ukoll illi trid tara wkoll jekk hemm deterjarazzjoni tal-ġebel u jekk hemm bżonn ta' xogħol fuq dan. Għanda tikteb ukoll il-livell tal-impatt tal-proġett. Il-Kunsill qal illi għal manutenzjoni tas-sit se jieħu ħsieb kollox hu. Il-Kunsill qal li rigward spejjez fuq il-lift li jrid isir, u t-tindif tal-post, kif ukoll ix-xogħol li jkollu jsir għad-dawl, dan kollu se jsir mill-Kunsill. Is-sinjorina Attard qalet illi l-permess se jkun validu għal ħames snin u ipproponiet li naqsmu l-permessi fit-tnejn ħalli l-Kunsill ikun jista jiftaħ il-post għall-pubblika anki f'każ illi ma jsirx il-proġet tal-perit. Fuq dan il-punt qalet illi l-Kunsill se jkollu jara mal-Perit. Hi qalet ukoll illi avolja l-pjanijiet tal-Perit huma sbieħ, temmen illi se jkun hemm problemi biex nagħmlu siġġu hemm isfel, kif ukoll avżat illi dan l-oġġett se jkopri ħafna spejjez għall-Kunsill. Qalet illi għandha tikteb dan ir-rapport għal MEPA sat-18 ta' Mejju.

Wara dan id-diskors il-kunsilliera u s-sinjorina Attard ħarġu flimkien mill-kamra tal-Kunsill [8.00pm] u marru sax-shelters biex is-sinjorina Attard tkun tista tara l-post biex tikteb ir-rapport. Il-laqgħa ntemmet dak il-ħin.

**10. Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se tkun fid- 22 ta' Mejju 2012,

Sindku | Segretarju Eżekuttiv